Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Numru 1025/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Herman Abela**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Herman Abela ta’ 40 sena, bin Vincent Oliver u Mary Elizabeth k/a Isabel nee’ Asciak, imwieled Attard fl-1 ta’ Awissu 1968 u residenti Flat 7, ‘Regent Court’, Triq Achille Ferris, Msida u detentur tal-karta tal-identita’ numru 0310068(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-10 ta’ Lulju 2008 ghall-habta tat-08.30a.m., fl-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe fil-vettura tal-marka Ford Mondeo li ghandha n-numru tar-Registrazzjoni Nru. CGC-010, liema ammont tal-hsara ma tiskorrix l-1164.69 euro, imma hija izjed minn 116.47 euro liema hsara saret ghad-detriment tas-Sinjur Mohammad Abdallah Alh Ananbeh (0033814A).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta’ Ottubru, 2008 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta’ Jannar, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-15 ta’ Jannar, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta tal-imputat (esebita *a folio 2-3* tal-process) kif ukoll il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat

hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal perijodu ta' sena millum.

Tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-Artikolu 28H(1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil **Mohammad Abdallah Alh Ananbeh (0033814A)** is-somma ta' disa' mija u tmienja u hamsin Ewro u tlieta u sittin Ewro centezmu (€958.63).

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------